**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 2620/2024**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Jake Palmier**

**Illum 23 ta' Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Jake Palmier** detenur tal-karta tal-identita Maltija **123094M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-30 ta' Novembru 2023 u/jew il-ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ghall-habta tal-00.15hrs u/jew diversi hinijiet, bhala persuna responsabbli mill-istabbiliment bl-isem *La Buona Trattoria del Nonno*' sitwat fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar:

    i. Ħaddem jew ġieghel jew halla lil min iħaddem loudspeaker, gramofon, amplifikatur jew strument bhal dawn, għamel jew inkella ġieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija fi triq, hanut, fpost pubbliku u/jew fkull bini ieħor, li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqgħodu fil-qrib cioe lil Philip Agtus bi ksur tal-artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta.

    ii. U aktar talli ppermetta u/jew daqq muzika tgħajjat u/jew l-użu ta' loudspeakers u/jew amplifikata mingħajr licenzja tal-awtorita'

kompetenti bi ksur tal-artikolu 38(2)(a) tal-Legislazzjonı Sussidjarja 441.07 tal-Liġijiet ta' Malta.

iii. U aktar talli bil-lejl kiser il-mistrich tan-nies cioe' ta' Philip Agius bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor bi ksur tal-artikolu 388(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv. U aktar talli halla b'inhar u/jew bil-lejl, kant jew hsejjes li setghu dejqu jew b'xi mod ichor jiddisturbaw lil Philip Agius bi ksur tal-artikolu 23 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.09 tal-Liġijiet ta' Malta;

v. Meta kellu liċenzja, naqas li jhares xi wahda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li ghaliha tkun suġġetta l-liċenzja bi ksur tal-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

vi. Samma jew daqq strument tal-mużika jew strument ieħor li jagħmel hoss, jew għanna, jew sabiex ibiegh fit-toroq, ibiegh, iqassam jew ixandar xi oggett, għajjat fi triq, Phanut jew flok pubbliku ichor, wara li kien ġie imwissi bies ma jıssoktax mid-detentur jew minn persuna li kienet toqghod f'bini fil-qrib minħabba l-mard ta' persuna fdak il-bini jew għal xi raġuni ohra tajba, jew wara li ġejt imwissi mill-Pulizija bi ksur tal- artikolu 41(1) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika lil-imputat milli jkollu jew jikseb dik il-licenzja, ghal perjodu ta' żmien skont l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar It-23 ta' Lulju,2024,fejn filwaqt illi **liberat lill-imputat mit-tielet, mill- hames u mis-sitt akkuża** miġjuba fil-konfront tiegħu, sabet lill-imputat **hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba'** akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu multa ta' elf Ewro (€1000) u xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta gie sospiż għal sena mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem sempliċi, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk l-imputat fi żmien sena jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija.

Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, f'dan l-istadju, ma ordnatx it-thassir jew jew sospensjoni tal-liċenzja.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jake Palmier preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Lulju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

i. Thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti billi tiddikjara s-sentenza tal-istess Qorti bhala nulla u bla effett fil-liġi ghar-raġunijiet fuq premessi;

ii. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll b'mod sussidjarju fl- eventwalita' li ma tilaqx l-ewwel talba, tikkonferma dik il-parti tas- sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-sitt (6) akkużi u kif ukoll tikkonferma dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma applikatax l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali filwaqt li thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuzi u tiddikjarah mhux hati skont il-liġi għar-raġunijiet fuq premessi;

iii. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll b'mod sussidjarju, fl- eventwalita' li tikkonferma l-ħtija kif inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

**<u>Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;</u>**

A. L-EWWEL AGGRAVJU-In-nullita' tas-sentenza stante li fid-deċide l-ewwel Qorti indikat l-artikoli tal-liġi hżiena u kif ukoll naqset li tindika id-dispozizzjonijiet tal-liġi li fuqhom ġiet imsejsa il-htija u applikata l-piena.

5. L-ewwel Onorabbli Qorti mhux biss naqset li tindika l-artikolu tal-liġi f'dak li jirrigwardja t-tieni akkuża izda minflok ındıkat regolament b'ichor u cioe' regolament 9 tal-Tieni Skeda tal-Ligi Sussidjarja 441.07 liema regolament jaqra:

"Ebda attività kummerċjali li tkun tinsabu f'żona' urbana ma tista' tiggeneraxi boss li jista' jinstema' minn barra l-post li jdejjaq u jikkawża storbju ghall-girienbid- daqq ta' mużika minn baned live jew mużika amplifikata jew mezzi obra bejn il-hinijiet tal-11.00 p.m. u d-9.00 a.m. tal-gbada filghodu u bejn is-1.00 p. т и 1-4. 00p.m" liema akkuża ma tirriżultax bhala wahda mil-akkużi li l-appellant ġie mixli bihom.

6. L-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tindika l-artikoli kollha tal-liġi li a bażi taghhom ġiet imsejsa il-htija u applikata l-piena.

7. Ghaldaqstant u ghal-motivi supračitati din l-Onorabbli Qorti ghandha tannulla s-sentenza moghtija mil-ewwel Onorabblı Qorti u dan skond kif ġie stabilit fdiversi Gurisprudenza nostrana bħal fil-każ deċiż mil-Qorti tal- Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Ibrahim Mesbah Wadi** deċiża nhar 1-20 ta' Ottubru 2005, kif deċiż mil-Qorti tal-Appell fl-imsijiet **II-Pulizija v Elton Buckingham** deċiża nhar is-17 ta' Novembru 20232 u kif deċiż mil- Qorti tal-Appell fl-imsijiet **Il-Pulizija v Christian Borg** deċiża nhar it-28 ta' Marzu 2024.

B. IT-TIENI AGGRAVJU - apprezzament żbaljat tal-liġi fdak li jirrigwardja l-ewwel, it-tieni u r-raba' akkużi

8. Mingħajr preġudizzju għal ewwel aggravju, l-appellant umilment jissottometti illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata fl-apprezzament tal-provi u kif ukoll tal-liġi u dan stante illi mil-provi prodotti minn imkien ma jirriżulta li l-appellant kien qiegħed fl-istabiliment in kwistjonı dakinhar tal-inċident.

9. Filwaqt li huwa minnu li mil-provi prodotti jirriżulta li l-appellant huwa registrat mal-awtorita' kompetenti u cioe' mal-Awtorita' tat-Turizmu bhala *substitute* minn imkien fil-proċess ma jirriżulta li l-istess appellant kien jinsab fl-istabiliment in kwistjonı fid-dati u l-hin tal-incidenti mertu tal-kawża.

10. Dan il-fatt gie kkonfermat mil-ewwel Onorabbli Qorti stess fejn fid- deċiċjoni tagħha rrimarkat illi "*Jingbad illi ma ngjebet ebda prova li effettivament kien l-imputat li segbel din il-muzika, jew li gholla l-volum jew almenu li kien preventi fl-istabbiliment minn fejn kienet bierga l-muzika b'volum gholi*

11. L-ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat ukoll illi "*Ir-rwel tal-imputat kien bhala substitute tal-licenzjat fl-istabbiliment La Buona Trattoria Del Nonno' li ghandu licenzja ta' bar u restaurant. M'bemmes dubju fil-febma tal-Qorti, li f'kaz ta' bar ul jew restaurant il-piz tal-adempjiment mal-kondizzjonijiet tal-licenzja u mal-ligi jaga' fuq il- licensee u/jew is-substitute mingbajr ebda distinzjoni bejniethom'. M'hemmx l-angas dubju li l-prosekuzzjoni m'ghandiex il-btiega li tipprova li l-persuna akkuzata kienet fuq il-post jew li kaenet effettivament hi responsabbli għall-istorbju. La darba dak allegat, ikan sebb, u dak li sebb ikun relatat intrinsikament mal-gestjoni tal-bar/restaurant in kwistjoni, ir-responsabbilita' ta' dak il-ksur tal-ligi, anke fil-kamp kriminali, jaga' fug spallejn il-licensese u/jew is-substitute*".

12. L-appellant umilment jissottometti illi huwa ma jaqbilx ma dak li kkonkludiet l-ewwel Onorabbli Qorti Il-fatt li l-appellant għandu licenzja ta' *substitute* u mhuwiex il-*licensee*, ir-responsabilita' tieghu temani meta jkun qiegħed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bhala *substitute*. Illı huwa minnu li l-liġa timponi responsabiltajiet fuq il-*licensee* anke jekk ma jkunx fizikament preżentı, izda dan mhux il-każ fir-rigward tas-*substitute.*

13. Gurisprudenza nostrana bhal fil-każ deċiż mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **<u>II-Pulizija v Joseph Galea</u>** 1-Onorabbli Qorti rriteniet illi "*Mill-provi prodotti quddiem din l-Qorti jirrisulta li l-appellant huwa substitute. Mix-xhieda tas-Supt Stephen Gatt ma jirriżultax li fil-gurnata in kwistjoni huwa kellem jew sab lill-appellant fil-fond imsemmi. Fi ftit kliem m'bemm l-ebda prova li l-appellant 'daqq jew ippermetta li tindaqg' muzika kontra l-ligı Ghalbekk l-appell jimmerita akkoljiment*".

14. Sostitut u dan fdak li jirrigwardja liċenzji mahruġa mil-Awtorita' tat- Turiżmu huwa dik il-persuna li jkun qiegħed jiehdu ħsieb jew jiġġestixxu l- istabiliment meta ma jkunx hemm id-detentur tal-liċenzja (licensee) u/jew operaturi fl-istabbiliment in kwistjoni.

15. Ghaldaqstant u dan kuntrarjament ghar-raġunar tal-ewwel Onorabbli Qorti huwa car illi r-responsabilita' ta' sostitut ghal dak li jirrigwardja ksur tal-liġi tirriżulta biss meta jkun qieghed preżenti fl-istabiliment u jkun qiegħed jaġixxu flok id-detentur tal-liċenzja (*licensee*).

16. L-ispirtu tal-liġi dak li jirrigwardja liċenzji mahruġa mil-awtorita' kompetenti huwa dak li d-detentur tal-liċenzja (*licensee*) bhala l-persuna responsabbli mil-istabiliment huwa obligat li jopera skont il-liċenzja mahruġa lilu. L-iskop tas-sostitut huwa li fin-nuqqas tal-licensee (huwa umanament impossibli li d-detentur tal-liċenzja jkun dejjem preżenti fl- istabiliment) l-istess sostitut jiġestixxi l-attivita' kummerċjali flok id-detentur tal-liċenzja u huwa biss hemmhekk fejn ir-responsabilita' taqgħa fuqu.

17. Huwa car ghalhekk illi gialadarba l-appellant ma kienx preżenti fl- istabilliment fid-dati u l-hinijiet tal-allegat incidenti u l-anqas ma rriżulta li b'xi mod kien ivolut la direttament u l-anqas indirettament f'xi ksur ta' liġi, il-pulizija sabiex jirrispondi ghal allegat ksur ta' liġi fil-każ de quo kellha tharrek lid-detentur tal-liċenzja (hcensee) u cioe' lis-Sinjura Lara Grima Baldacchino u mhux lill-appellant.

18. Għaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost l-appellant għandu jigi liberat minn dawk l-akkużi li nstab hati fuqhom u cioe' l-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuzi.

C. IT-TIELET AGGRAVJU Apprezzament żbaljat tal-liġi u kif ukoll tal-provi speċifikament għal dak li jirrigwardja l-ewwel u r-raba' imputazzjoni

19. Minghajr pregudizzju ghal-ewwel u t-tieni aggravji, l-appellant umilment jissottometti illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament żbaljat tal- provi u dan stante illi minn imkien mil-atti ma rriżulta lil kien Jake Palmier responsabbli mil-istabiliment in kwistjoni fid-dati u l-hin tal-allegati inċidenti.

20. Mil-provi prodotti huwa minnu li l-appellant irriżulta li huwa rreġistrat bhala *substitute* mal-awtorita' kompetentı, iżda minn imkien ma rriżulta li fid-dati u 1-hinijiet tal-allegati inċidenti huwa kien jinsab fl-istabiliment in kwistjoni u dan kif gie ikkonfermat mil-ewwel Onorabbli Qorti stess.

21. Ghaldaqstant l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta meta sabet lill- appellant hati tal-ewwel u l-raba' akkużi li jirregolaw ksur tal-artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-ligijiet ta' Malta u artikolu 23 tal-Ligi Sussidjarja 10.09.

22. Illi dan il-punt ġie trattata fid-dettal mil-Qorti tal-Appell Kriminali, fl- ismijiet **<u>Il-Pulizija v Mario Grixti</u>** deciza nhar il-21 ta' Jannar 2021, fejn l- Onorabbli Qorti rriteniet illi meta wiehed jigi akkuzat bi ksur tal-artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10: "*Dak li l-Ligi tipprojbixxi huwa li xi badd ihaddem jew igieghel jew ihalli lil min ihaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bhal dawn, jagħmel inkella jjieghel jew ihalli li jsiru bsejjes daqsbekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqoghdu f'bini fil-qrib... Fil-fehma tal-Qorti f'każijiet bhal dawn li mhux każ marbut ma licenzjar jew nuqqas t'osservanza ta xi ličenzja trid tiği stabbilita r-rabta bejn il-persuna mixlija, il-fond jew lok li minnu jkunu qegħdin jiġu prodotti l-bsejjes disturbanti kif ukoll il-fatt li jkun qieghed isir dan l-użu ta' apparat akustiku disturbanti bl-opera tiegħu jew li huwa jkollu xi forma ta' kontroll fuq dak 1- uku jew li almenu ma bax prekawzjonijiet meħtieġa sabiex il-hsejjes prodotti ma jkunux disturbant... F'dan il-każ gie privat li għalkemm l-appellant setgha kellu sei rabta mal-fond de quo bhala wiehed mill-proprjetarji, ma giex privat li huwa kien wiehed minn dawk li haddem l-apparat jew ippermetta li l-apparat akustiku jiġi mhaddem b'mod disturbanti. L-angas ma gie pruvat b'sikurezza li l-appellant kellu xi forma ta' kontroll fuq l-użu tal-apparat akustiku disturbanti jew li dan id-disturb sehh bl-opera tiegħu jew li buwa kellu xi forma ta' kontroll fuq dak l-użu jew li almenu ma bax prekawzjonijiet mebtieġa sabiex il-bsejjes prodotti ma jkunux disturbanti... F'dan il-każ, din il-Qorti jidbrilha li r-responsabbilta penali għal dan ir-reat kienet tistrieb fug dawk li kellhom il-ġestjoni attiva u kontroll effettiv fuq il-post tas-sitwazzjoni tal-hsejjes prodotti - u mhux l-appellant. F'dan is-sens ghalbekk it-tieni aggravju jimmerita li jiġi milqugh... Ghal dawn il-motivi din il-Qorti gegbda tilqa' l-appell ta' Mario*

*GRIXTI, thassar is- sentenza appellata u filwaqt li tiddikjara lil Mario GRIXTI mhux hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu tilliberab minn kull imputazzjoni btija u piena."*

23. In oltre u dan mingħajr preġudizzju għal dak li ghadu kif ġie sottomess f'dan 1-aggravju, l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u dan minħabba s-segwenti ragunijiet:

i. Illi meta fis-sentenza tagħha l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghal-tlett rapporti maghmula mil-kwerelant Philip Agius fuq muzika. Illi r-rapporti tal-pulizija li ġew eżebiti u mmarkati bhala Dok WG2 u Dok WG4 fl-ebda hin ma ġew ikkonfermati bil-ġgurament.

ii. Illi l-uniku affidavit imhejji mil-pulizija u li ġie preżentat mil- prosekuzzjoni huwa dak ta' PC2375 Mary Zammit li jinsab immarkat bhala Dok WG1, fejn fl-imsemmi affidavit tagħmel referenza għal incident wiched datata 29 ta' Novembru 2023.

Illi in oltre l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex waslet għad- deċiżżjoni tagħha ghamlet referenza għar-ritratti, messaggi u kif ukoll filmati li ttieħdu minn terzi persuni u dan kif ġie kkonfermat mil-kwerelant stess in kontro ezami, liena persuni fl-ebda hin ma ngaghbu bhala shieda biex jikkonfermaw l-istess u kif ukoll jikkonfermaw l-awtenticita' tal-istess.

iv. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta meta rreferiet ghar-rapporti, messaġġi, filmati u ritratti surriferiti mingħajr ma ġew ikkonfermati.

24. Di piu' mix-xhieda tal-parte civile s-Sur Philip Agius l-anqas ma ġie stabillit illi fid-data u hin indikati fl-akkuża mil-istabiliment in kwistjoni kien hemm xi ksur tal-liġi u dan stante li l-istess parte civile fl-ebda hin ma indika xi dati u hinijiet. Ghaldaqstant l-akkużi kif dedotti fil-konfront tal-appellant għal dan il-fatt biss qatt ma setghu jigu pruvati u konsegwentament l-appellant ma setghax jinstab hati taghhom.

25. Ghalhekk, fid-dawl ta' dak suespost, l-appellant m'għandux jinstab hati tal- ewwel u tar-raba' imputazzjoni hekk kıf dedotti fil-konfront tiegħu.

D. IR-RABA' AGGRAVJU Apprezzament żbaljat tal-liġi u apprezzament tal-provi żbaljati specifkament għal dak li jirrigwardja it-tieni imputazzjoni.

26. Mingħajr preġudizzju ghal-ewwel u t-tieni aggravji, dak li ġie sottomess fit- tielet aggravju speċifikament ghal dik il-parti fejn saret referenza ghal-provi u kif ukoll għal fatt li l-appellant ma kienx prezenti fl-istabiliment in kwistjoni fid-dati u l-hinijiet tal-allegat inċidenti għandhom japplikaw ukoll għal dan l-aggravju.

27. Di piu' dak li ġie sottomess fit-tielet aggravju speċifikament fpunti 23 u 24 tal-istess aggravju għadhom wkoll japplikaw għal dan l-aggravju.

28. In oltre fiċ-ċitazzjoni u kif ukoll fid-deċiżjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti jirriżulta illi l-appellant ġie akkuzat bis-segwenti "U aktar talli ppermetta u/jew dagą mużika tghajjat u/jew l-użu ta' loudspeakers u/jew amplifikata mingħajr licenzja tal-awtorita' kompetenti bi ksur tal-artikolu 38(2)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 tal-Liġijiet ta' Malta".

29. L-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha b'referenza ghat-tieni imputazzjoni u cioe' dik appena citata sabet lill-appellant hati tal-akkuża u erronjament fis-sentenza citatat r-regolament 9, tat-Tieni Skeda tal-Ligi Sussidjarja 441.07 tal-Liġijiet ta' Malta.

30. L-imsemmi regolament jaqra: "Ebda attività kummerċjali li tkun tinsabu f'żona' urbana ma tista' tiġġeneraxi boss li jista' jinstema' minn barra l-post li jdejjaq и jikkawża storbju ghall-girienbid-daqq ta' mużika minn baned live jew mużika amplifikata jew mezzi obra bejn il-binijiet tal-11.00 p.m. u d-9.00 a.m. tal-ghada filgbodu u bejn is-1.00 p. m u 1-4. 00p.m"

31. Ghaldaqstant l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati ta' akkuza li l-appellant ma giex akkużat bija u/jew inkella l-istess Qorti citat ir- regolament hażın u dan bi ksur ta' dak ikkontemplat fl-artikolu 382 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

32. In oltre u mingħajr preġudizzju għal dak li għadu kıf ġie sottomess f'dan l-aggravju illi kif irrizulta mil-provi prodotti mil-prosekuzzjoni stess, tali stabiliment huwa liċenzjat u regolat mıl-liġi li tirregola l-liċenzji mahruga mil- Awtorita' tat-Turizmu u cioe' mil-kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta.

33. L-artikolu 2 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra s-segwenti:"attività kummerċjali" tfisser l-eserċizzju ta' xi attività kummerċjali jew ekonomika inkluż il-bejgħ ta' oggetti, u l-ghoti ta' servizzi kif jista' jiġi preskritt, irrispettivament minn jekk dik l-attività kummerċjali tiġisk esercitata minn postijiet kummerċjali jew xort'obra iżda m'ghandbiex tinkludi xi attività kummerċjali regolata taht xi ligi obra"

34. Minn nahha l-ohra l-artikolu 2 tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra s-segwenti:"attività turistika" tfisser lukanda, guest house, bastel, post ghall-vaganzi, dar li tintuża biex tipprovdi allogg lit-turisti, stabbiliment li jipprovdi ikel, agenzija tal- ivejaghar, destination management company, agenzija ta' turismu li jej minn barra, operatur ta' giti organizzati, gwida tat-turisti, u servizzi obra ta' uriżmu, sew jekk mogbti ličenza sew jekk le: Iżda, ghall-finijiet tal-artikolu 48(2), il-frażi "attività turistika" ma tinkludis dar li tintuża biex jigi provdut allogg lit-turisti meta dik id-dar tkun tikkostitwixxi r-residenza permanentital-persuna li tipprovdi dak 1-allogg"..."stabbiliment li jipprovdi ikel" tfisser kull bini, lokal jewstabbiliment ichor, inkluż kull kjosk, ikun kif ikun deskritt, lijipprokura b'kumpens ikel u, jew, sxorb inkluż kull inbid u spirti ghall-konsum;"

35. In oltre l-artikolu 4 tal-Kapitolu 441 jaqra: "Kemm-il darba ma jigic sort'obra provdut minn jew tabt dan l-Att id-dispotizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux japplikaw dwar xi postijiet kummerċjali bil-ličenza, jew si attività kummerċjali regolata, tabt xi liği obra; u f'kull każ bbal dak ebda ličenza obra jew regolament ichor ma jkunu jinhtieġu taht dan l-Att."

36. Huwa ċar kristall illi l-istabılment mertu ta' din il-kawza u čioe' dak bl-isem ta' *La Buona Trattoria Del Nonno*, jaqa taht id-definizzjoni regolata bl- artikolu 2 tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta u għaldaqstant il-liġi li tirregola l-operat tal-imsemmi stabbiliment hija dik tal-Awtorita tat-Turizmu (Kapitolu 409) u mhux dik tal-Kummerċ (Kapitolu 441).

37. Kif tghallimna l-Ġurisprudenza bhal ma ġie deċiz mil-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell numru 115/2013) fl-isimijiet **Il-Pulizija v Franco Grech**, deciza nhar it-3 ta' Lulju 2018, 1-Onorabbli Qorti, irriteniet is-segwenti "L Artikolu 18 (1) tat-Trading Licenses Act (Kap. 441) espressament japplika biss fil- kaz ta' ksur tad-disposizzjonijiet tal-istess Att u imkien ma jghid li ghandu japplika ghal postijiet li mhumiex regolati taht dak l-Att. Dan l-artikolu, bhalma jagbmel l- artikolu 4, jiddisponi li ma japplikax gbal postijiet li mhumiex regolati taht l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc. Il-kliem tal-ligi ma jhallix lok ghal interpretazzjoni: Infatti, din id-disposizzjoni tapplika biss "meta persuna tikser si disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti maghmulin tahtu".

38. L-Onorabbli Qorti tal-Appell suriferita iżżid tghid: "*Ili l-Kapitolu 441 tal- Ligijiet ta' Malta bu l-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc. L-artikolu 4 ta' dan l-Att jispecifika l-applikabilita' ta' din il-ligi. Dan l-artikolu partikolari jispecifika li dan 1- att japplika fil-kazijiet kollha tal-kummers blief jekk l-attivita' kummercjali hi regolata minn xi ligi obra. Illi fl-atti ta' din il-kawza ebda licenzja tal-kummere tabt il-Kapitola 441 tal-Ligijiet ta' Malta ma giet ezebita. Ghalbekk, zgur li ma bemm sxejn li jorbot lill-appellant mal-kaz in exami. Illi fil-febma ta' din il-Qorti l-appellant ghandu ragun meta bu jinvoka l-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar srvizzi tal- ivjaggar u tat-turizmu ghal Malta.*"

39. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak su espost l-appellant għandu jiġi liberat mit- tieni imputazzjoni hekk kif dedotta.

E. IL-HAMES AGGRAVJU - Dwar il-Piena Erogata u l-Element ta' Proporzjonalita' bejn ir-Reati kommessi u l-Piena Erogata.

40. Mingħajr pregudizzju għal dak li għadu kif ġie sottomess fl-aggravji precedenti, l-appellant jissottometti illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma spjegatx fid-deċizzjoni tagħha kif waslet biex timponi multa ta' elf Ewro u xahar priġunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan tenut kont ta' kif għandha tiġi kkalibrata il-piena ai termini tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

41. In oltre hija l-umli fehma tal-appellant li l-piena ta' multa ta' elf ewro u xahar priġunerija sospiżi għal sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija waħda manifestament eċċessiva.

42. L-appellant jirrileva illi għalkemm fċertu każijiet il-paraguni huma odjużi u 1-kalkolu tal-piena għandu jirrifletti l-fattispeċje ta' kull każ, huwa ma jistax ma jagħmilx aċċenn ghall-fatt li meta kkumparat ma każijiet simili il-piena inflitta kienet ferm inqas mill-piena illi ġiet inflitta fuq l-appellant speċjalment għal dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ikundarnınat lill- appellant għal xahar priġunerija sospiżi ghal sena bl-applikazzjoni tal- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9,10

43. Fil-fatt, hekk kif jghid tajjeb l-awtur Profs. Dr. Albin Eser fil-kitba ntitolata **Human Rights Guarantees for Criminal Law and Procedure in the EU- Charter of Fundamental Rights'**: "*On the judicial level the penalty must not be disproportionate to the offence. At this level both the objective severity of the wrong and the individual severity of blame- worthiness bave a particular meaning. In every single case it bas to be examined whether the imposition of a criminal sanction is required in order to reach the general purpose of punishment and whether the importance of the objects of legal protection are in a proportionate relation to restrictions on the rights of the person concerned.*"

44. Ghalhekk, fid-dawl tal-premess, l-appellant jemmen li l-piena ta' multa ta' elf ewro u xahar prigunerija sospiżi ghal sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9

tal-Liġijiet ta' Malta hija wahda sproporzjonta u eċċessiva u kwındi timmerita temperament.

42. L-appellant jirrileva illi għalkemm fċertu każijiet il-paraguni huma odjużi u 1-kalkolu tal-piena għandu jirrifletti l-fattispeċje ta' kull każ, huwa ma jistax ma jagħmilx aċċenn ghall-fatt li meta kkumparat ma każijiet simili il-piena inflitta kienet ferm inqas mill-piena illi ġiet inflitta fuq l-appellant speċjalment għal dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ikundarnınat lill- appellant għal xahar priġunerija sospiżi ghal sena bl-applikazzjoni tal- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9,10.

43. Fil-fatt, hekk kif jghid tajjeb l-awtur **Profs. Dr. Albin Eser** fil-kitba ntitolata **Human Rights Guarantees for Criminal Law and Procedure in the EU- Charter of Fundamental Rights'**: "*On the judicial level the penalty must not be disproportionate to the offence. At this level both the objective severity of the wrong and the individual severity of blame- worthiness have a particular meaning. In every single case it bas to be examined whether the imposition of a criminal sanction is required in order to reach the general purpose of punishment and whether the importance of the objects of legal protection are in a proportionate relation to restrictions on the rights of the person concerned.*"

44. Ghalhekk, fid-dawl tal-premess, l-appellant jemmen li l-piena ta' multa ta' elf ewro u xahar prigunerija sospiżi ghal sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija wahda sproporzjonta u eċċessiva u kwındi timmerita temperament.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti u inserita fl-atti a fol. 51 et seq.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi qabel xejn din il-Qorti tinnota is-sincerita tal-Avukat Generali fir-risposta tieghu u apppuntu ghal dak sollevat minnu fir rigward ta' l-ewwel aggravju u tawgura li dan it-tip ta' rispett u lealta lejn l-Awtorita tal-Qorti tkompli tikber .

Qabel ma din il-Qorti ser tittratta bl-aggravju li jirrigwardaw il-mertu sejra tindirizza l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant dwar in-nullita tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u appuntu ghaliex l-ewwel Qorti naqset li ticcita l-artikoli tal-ligi dwar l-akkuza li taghha instab hati l-appellant.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta 'Malta hu artikolu importanti ħafna peress li jinkopora fih ir-rekwiżiti neċessarji li għandha jkollha sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan jaqra s-segwenti:

Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta dan il-kodiċi jew ta kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat. (Emfazi miżjuda).

Illi r-ratio legis wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab htija.

In fatti l-Artikolu 663 (5) jistabilixxi dak li għandu jissemma fis-sommarju tas-sentenza u jgħid li dak li jiddiposni l-artikolu 382 għandu jkun preżenti f'dan l-artikolu ukoll. Għalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi sine qua non għall-validità ta 'sentenza. Dawn ir-rekwiżiti huma alternattivi għal xulxin u għalhekk u sabiex sentenza tiġi dikjarata nulla m'hemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwiżit iżda jekk jirriżulta li hemm nuqqas f'wieħed minn dawn ir-rekwiżiti dan ikun biżżejjed sabiex is-sentenza tiġi dikjarata nulla.

Sentenza li tikkjarifika dak li l-leġislatur ried ifisser bil-kelma 'fatti' fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Elton Abela</u>**[1]

> *'Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi għalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiġġustifikaw il- kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbagħad għaddiet biex telenka l-artikoli tal- liġi relattivi għal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu ħati*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar, 2005 (Appell Kriminali Numru. 194/2004)

*wara li qalet li kienet semgħet ix-xhieda kollha u eżaminat id-dokumenti esibiti. Dak li kellha f' moħħa l-ewwel Qorti huwa ċar, cioe` li kienet qed issib il-ħtija għall- imputazzjonijiet kollha peress li ma għamlet l-ebda kwalifika, u wieħed m'għandux għalfejn janalizza s-sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant ħati. Ċertament kien ikun deżiderabbli li kieku l-ewwel Qorti żiedet il-kliem "ta' l- imputazzjonijiet kollha" wara l-kelma "ħati".'*

Illi skont ġurisprudenza kostanti ta 'din il-Qorti in-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-artikolu 382 jwassal għan-nullita 'tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan nuqqas jammonta għal nuqqas ta 'formalita 'sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali. F 'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f 'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Mario Agius**[2]", "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[4]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[5]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[6]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[7]"; "Il-**Pulizija vs. John Axiaq et**[8] "u oħrajn).

Illi pero 'dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti iżda n-nullita 'hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa 'bla mittiefsa w għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa in status quo ante u ċioe mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjetament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata.

L-indikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali (ara **Il-Pulizija v. Mary Grech** [9]) Tali nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Frar 1995
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settmbru 2002.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta' April 2002
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2005
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar 2006.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Lulju 1995

fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali, bil-konsegwenza li din il-Qorti thassar is-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi fil-kaz odjern kif sollevat mid-difiza u accetat mill-Avukat Generali l-ewwel Qorti fil-parti operattiva tas-sentenza erronajmanet in kwantu ghat-tieni imputazzjoni naqset milli tghmel referenza lejn ir-Regolament li minnu jemani ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni. L-ewwel Onorabbli Qorti mhux biss naqset li tindika l-artikolu tal-liġi f'dak li jirrigwardja t-tieni akkuża izda minflok indikat regolament b'iehor u cioe' regolament 9 tal-Tieni Skeda tal-Ligi Sussidjarja 441.07 liema regolament jaqra:

"*Ebda attività kummerċjali li tkun tinsabu f'żona' urbana ma tista' tiggeneraxi boss li jista' jinstema' minn barra l-post li jdejjaq u jikkawża storbju ghall-girienbid- daqq ta' mużika minn baned live jew mużika amplifikata jew mezzi obra bejn il-hinijiet tal-11.00 p.m. u d-9.00 a.m. tal-gbada filghodu u bejn is-1.00 p. m u 1-4. 00p.m*" liema akkuża ma tirriżultax bhala wahda mil-akkużi li l-appellant ġie mixli bihom.

Jirrizulta ben car minn qari tas-sentenza li l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tindika l-artikoli kollha tal-liġi li a bażi taghhom ġiet imsejsa il-htija fir-rigward l-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza u cio nonnostante xorta ghaddiet biex tapplika l-piena ghal dawn l-istess akkuzi.

Stante li l-aggravju tan-nullita 'qed jiġi milqugħ, din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiddiskuti l-aggravji l-oħra sollevati.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u tordna li l-atti jiġu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti bħala waħda ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-partijiet ma jiġux pprivati mill-benefiċċju tad-"doppio esame", tordna li l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata w dan sabiex il-kawża tiġi trattata w deċiża mill-ġdid skond il-liġi.

**Consuelo Scerri Herrera** — **Maria Grech**

**Imhallef** — **Deputat Registratur**